# IR-RIKBA LI QATT MA NINSA

Xoghli kien ta' sewwieq tat-taxi. F'nofs ta' lejl ircevejt messagg biex immur nigbor passigiera minn binja li meta wasalt hdejha rajt li kienet fid-dlam hlief ghal dawl wiehed biss li kien hiereg mit-tieqa tas-sular ta' isfel.

F'cirkustanzi bhal dawn hafna sewwieqa kienu jdoqqu darba tnejn, jistennew ftit u jitilqu jekk ma johrog hadd. Jiena maghmul differenti. Jekk ma nara ebda periklu, ninzel mit-taqxi, u nhabbat il-bieb. Forsi il-passigier kien ikollu bzonn xi ghajnuna. U hekk ghamilt f'din ic-cirkustanza.




"Dalwaqt mieghek," wiegbet vuci minn gewwa. U wara pawsa xi ftit twila infetah il-bieb u quddiemi nara mara xwejha li naqtaghha kellha madwar 80 sena.

Minn barra stajt nara li ma kien joqghod hadd hemmhekk ghaiex l-ghamara kollha kienet mghottija bil-lozor, ebda arloggi mal-hitan u anqas inkwatri. Il-post kien gheri minn kollox.

"Tista' tohodli l-bagalja?" talbet ix-xiha. Irritornajt lura u ghentha timxi lejn it-taxi. Irringrazzjatni ghal dan l-interess u ghajnuna li offrejtilha.

"Dan ma hu xejn. Jiena nittratta l-passigieri tieghi bil-mod li jiena rrid li jittrattaw lil ommi."

Meta staqsejtha fejn trid tmur tatni l-indirizz u talbitni li flok immur dritt nghaddiha mit-triq it-twila. Fi ftit kliem riedet dawra mal-belt.

La xtaqet hekk jiena ikkuntentajtha.  Kienet fi triqtah biex tmur lejn id-dar ta' l-anzjani.

Waqt li kont qed indawwarha, ilmahtha mill-mera bid-dmugh niezel minn ghajnejha. "Ma tantx fadalli hajja. Hekk qaluli t-tobba. U jiena familjari ma ghandiex." Ghalaqt il-meter biex il-milio ma jirregistrawx u soqtha madwar it-toroq tal-belt kif riedet. Urietni il-bini fejn kienet tahdem bhala haddiem tal-lift. Haditni lejn l-inhawi fejn kienet tghix mar-ragel taghha meta zzewgu. Sahansitra wrietni s-sala fejn kienet tizfen u iltaqghet ghal l-ewwel darba ma' dak li qalbha habbet. Domna nigru u meta l-ewwel raggi tax-xemx bdew jixghelu s-smewwiet qaltli: "Issa ghejjet. Hudni f'dak l-indirizz."

"Kemm jiena obbligata?"

"Xejn," wegibtha.

"Imma inti trid taqla' l-ghexien."

"Hemm passigieri ohra."

Tbaxxejt u minghajr ma naf kif qbatilha idejh u bisthomlha.  Meta wassaltha, dahlet u l-bieb inghalaq warajha.

Soqt lura minghajr hsieb u ma nafx fejn kont sejjer. Ghall-bqija tal-jum kont bla kliem. X'kien jigri kieku flok jiena, kien ikun sewieq bla sabar jew wiehed li wasal biex jispicca ix-xoghol tieghu?

Qatt hsibtli meta taghti servizz, hu x'inhu, servizz li johrog mill-qalb tbiddel il-hajja ta' min jircevih u thossok ferhan.  Ahna nahsbu li hajjitna dejjem iddur ma' mumenti kbar u importanti. Imma l-mumenti importanti u kbar huma dawk li ma nindunawx bihom – mumenti mgezwra f'dak li haddiehor jikkunsidra li huwa haga zghira.